MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2013

Numru. 68/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Carane Parnis**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Carane Parnis nee` Tabone, bint Carmelo Tabone u Annie nee` Vella, imwielda Pieta` nhar il-11 ta' Ottubru 1978, residenti Blk D, Flat 7, Triq id-Dawr, Mosta, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 564778(M)

Akkuzata talli f'dawn il-gzejjer, fil-25 ta' Jannar 2008, u matul l-ahhar tlitt snin qabel din id-data:

a) Kellha fil-pussess taghha ir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din

ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Kellha fil-pussess taghha d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) Kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u specifikata (Valium) meta ma kinitx awtorizzata kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordninaza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

d) U aktar talli saret recidiva b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-20 ta' April 2004 mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D., liema sentenza saret definittiva.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-

ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta’ April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif presjeduta, milli terga’ tisma l-provi mressqa fil-kawza quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta) u l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X’Jaqsmu Maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri ossia fis-seduta tat-2 ta’ April 2013, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkonceditilha zmien bizzejjed biex terga’ tikkonsidra t-twegiba u terga’ lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputata, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-wahda, l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata u l-fatt illi mit-trattazzjoni dwar il-piena rrizulta illi l-istess imputata llum ghandha mpjieg *part-time* u jidher li qabdet it-triq it-tajba.  Min-naha l-ohra, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali aggornata tal-imputata li fiha erba’ kundanni, fosthom tnejn in konnessjoni ma’ reati li jinvolvu d-droga u l-fatt illi hija

recidiva. F’dan ir-rigward il-Prosekuzzjoni esebiet sentenza moghtija kontra l-imputata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, kif presjeduta mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera, fl-20 ta’ April 2004 (a fol. 26).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront taghha, u tikkundannaha ghall-piena ta’ tmien mija u hamsin Euro (€850) li, b’applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir mhux iktar tard minn xahar mid-data tas-sentenza. Pero` jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi kkonvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Stante illi ma gewx mahtura esperti f’din il-kawza, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba rigwardanti hlas da parti tal-imputat tal-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------